Kunsill Lokali Marsaxlokk

# Rapport Annwali Amminsitrattiv

## Jannar – Diċembru 2013

It-Tieni Sena tal-Legislatura

Tas-Sitt Kunsill Lokali 2012-2015

Werrej


| | |
|---|---|
| 1.0 | Introduzzjoni |
| 2.0 | Il-Kunsill Lokali |
| 3.0 | Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali |
| 4.0 | Il-Ħidma tal-Kunsill Lokali |
| 5.0 | L-iskeda ta' varjazzjonijiet fid-dħul u nfiq |

## 1.0 *Introduzzjoni*

1.1 Wara li matul l-2012, il-Kunsill Lokali ghadda minn elezzjonijiet li raw membri godda jigu mahtura fi hdanu, flimkien mal-konferma ta' membri ohra li kienu diga' gew eletti fil-hames legislatura jew dawk precedenti, l-2013 kienet sena illi matulha minbarra li ittiehdu diversi inizjativi utli gie ppjanat xoghol siewi illi l-frott tieghu ser jibda' jidher matul l-2014 u l-2015.

Mingħajr dubju l-iktar qasam li investa fih il-Kunsill Lokali matul l-2013 l-istess bhas-snin precendenti kien dak infrastrutturali, b'eluf kbar ta' ewro jintefqu f'manutezjoni u progetti ohra. Fil-fatt matul l-2013 minbarra diversi xogholijiet fuq toroq, il-Kunsill Lokali dahal ghal spejjez kapitali konsiderevoli b'konnessjoni ma' diversi progetti illi gew implimentati jew ser jigu implimentati matul l-2014.

Ittieħdu wkoll numru ta' deċiżjonijiet ill għalkemm ir-riżultat tagħhom ma deherx matul l-2013, fis-snin li ġejjin ser inkunu qiegħdin nibbenefikaw minnhom. Dawn jinkludu numru ta' bye-laws li l-Kunsill Lokali fassal u li gew awtorizzazzjoni mill-Gvern Ċentrali. Jinkludu wkoll deċiżjonijiet

Matul l-2013, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk kien strumentali biex jitwaqqaf working group mill-Assocjazzjoni ghall-gvern Lokali bil-ghan illi jigu mressqa proposti konkreti dwar riformi mehtiega fil-qasam tas-swieq fil-berah. Il-Kunsill Lokali jittama illi matul l-2014 jinghata bidu ghal diskussjonijiet mal-Awtoritajiet Centrali dwar il-mizuri li gew proposti mill-*Working Group*.

Nemmen illi bil-limitazzjonijiet li kellu, matul l-2013, il-Kunsill Lokali għamel dak kollu li seta' sabiex jara illi Marsaxlokk jingħata l-ġieħ li jixraqlu, u kemm il-darba matul l-2014 il-Kunsill Lokali jimxi fuq l-istess passi żgur illi l-lokalita' u r-residenti ser ikunu qiegħdin jagħmlu pass ieħor lejn l-idejal.

Duncan Hall
Segretarju Eżekuttiv

## *2.0 Il-Kunsill Lokali*

### *2.1 Il-Kunsill*

Marsaxlokk huwa raħal pjuttost żgħir b'popolazzjoni ta' ftit aktar minn 3500 abitant. Għaldaqstant, skond l-Att 363 tal-kostituzzjoni ta' Malta, li hija l-liġi dwar il-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk huwa kompost minn ħames Kunsilliera, b'Sindku u Viċi-Sindku eletti direttament mill-elettorat.

Il-parti amminsitrattiva tal-Kunsill Lokali hija mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, megħjun minn Assistent Prinċipal Eżekuttiv, Uffiċjal Eżekuttiv u skrivana. Flimkien, l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tieħu ħsieb tikkordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu mis-Sindku u l-Kunsilliera waqt is-seduti tal-Kunsill Lokali.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi ffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi. Fost dawn hemm il-membri tas-Sotto-Kumitati, ir-residenti u dawk li joffru l-għajnuna volontarja tagħhom. Flimkien dawn iressqu s-suġġerimenti u ilmenti tagħhom lill-Kunsill Lokali li imbagħad jagħmel l-evelwazzjonijiet tiegħu u jieħu deċiżjonijiet kif jidhirlu li jaqdel l-aktar għall-ġid tal-lokalita'.

### *2.2 L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali*

L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Duncan Hall | Segretarju Eżekuttiv – Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali inkluż amministrazzjoni, finanzi, riżorsi umani u kwistjonijiet legali. |
| Is-Sinjura Caroline Deisra | Assistent Uffiċjal Prinċipali - Responsabbli mill-Amministrazzjoni, relazzjonijiet mal-klijenti, swieq fil-beraħ, sezzjoni finanzi, sejhiet ghall-offerti |
| Is-Sur Jordy Brincat | Uffiċjal Eżekuttiv – Responsabbli għar-relazzjonijiet mal-Klijenti, xogħol ta' rutina fl-uffiċċju, fuljett tal-Kunsill Lokali, amminsitrazzjoni, xiri ta' servizzi |
| Is-Sinjura Joan Mifsud | Skrivana – Reponsabbli mir-relazzjonijiet mal-klijenti, permessi, hlasijiet, ilmenti, xoghol ta' rutina fl-ufficcju. |

Matul l-2013 il-ħaddiema ssekondati mal-Kunsill Lokali kienu:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Cassar | Industrial Project Services Ltd. |
| Is-Sur Angelo Gafa' | Industrial Project Services Ltd. |
| Is-Sur Peter Carabott | Construction & Maintenance Department |
| Is-Sur Neville Barbara | Employment & Traning Corporation |
| Is-Sur Alfred Camenzuli | Employment & Traning Corporation |
| Is-Sur Angelo Bonnici | Employment & Traning Corporation |
| Is-Sinjorina Lorna Frendo | Employment & Traning Corporation |

Is-Sur Carmel Callus temm l-impjieg tiegħu matul l-2013

### *2.3 Organizzazzjoni*

L-organizzazzjoni tal-Kunsill Loklai hija msejsa fuq is-segwenti struttura:



## 3.0 Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali

### 3.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati tad-Dhul u l-Infiq

| | | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2013 ATTWALI Euro | 2013 ESTMI Euro | 2012 ATTWALI Euro | VARJANZA ATTWALI/ ESTMI Euro | VARJANZA ATTWALI Euro |
| 2 | **Id-Dhul** | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 340,519.91 | 330,219.00 | 332,507.90 | 10,300.91 | 8,012.01 |
| 0020 | Kontravenzjonijiet | 25,494.38 | 8,000.00 | 19,552.09 | 17,494.38 | 5,942.29 |
| 0090 | L-Investiment | 387.00 | 200.00 | 537.96 | 187.00 | (150.96) |
| 0100 | Generali | 1,200.00 | | 1,430.00 | 1,200.00 | (230.00) |
| | **TOTAL** | **367,601.29** | **338,419.00** | **354,027.95** | **29,182.29** | **13,573.34** |
| 1 | **L-Infiq** | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 89,057.99 | 95,067.00 | 75,741.21 | 6,009.01 | (13,316.78) |
| 2000 | Manutenzjoni u Xoghlijiet ohra | 216,870.62 | 278,083.00 | 263,279.41 | 61,212.38 | 46,408.79 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 110,561.51 | 65,250.00 | 27,933.00 | (45,311.51) | (82,628.51) |
| | **TOTAL** | **416,490.12** | **438,400.00** | **366,953.62** | **21,909.88** | **(49,536.50)** |
| | **Bilanc** | **(48,888.83)** | **(99,981.00)** | **(12,925.67)** | **7,272.41** | **(35,963.16)** |

## 3.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dhul fid-dettall

| | | a | b | c | a-b | a-c |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2013 ATTWALI Euro** | **2013 ESTMI Euro** | **2012 ATTWALI Euro** | **VARJANZA ATTWALI - ESTMI Euro** | **VARJANZA ATTWALI Euro** |
| **2** | **Id-Dhul** | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | | |
| 0001 | Annwali | 325,621.51 | 330,219.00 | 330,656.70 | (4,597.49) | (5,035.19) |
| 0002 | Supplimentari | 12,398.40 | | | 12,398.40 | 12,398.40 |
| 0003 | Bzonnijiet Specjali | | | | | |
| 0004 | Delegazzjonijiet Publici/Governattivi | | | | | |
| 0015 | Hwejjeg Ohra | 2,500.00 | | 1,851.20 | 2,500.00 | 648.8 |
| | | **340,519.91** | **330,219.00** | **332,507.90** | **10,300.91** | **8,012.01** |
| **0020** | **Il-'Bye-Laws'** | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | | | | | |
| 0036 | Kontravenzjonijiet | 6,096.44 | 2,500.00 | 8,778.84 | 3,596.44 | (2,682.40 |
| 0056 | Ghotjiet Sponsorjali | | | | | |
| 0066 | Generali | 19,397.94 | 5,500.00 | 10,773.25 | 13,897.94 | 8,624.6 |
| | | **25,494.38** | **8,000.00** | **19,552.09** | **17,494.38** | **5,942.2** |
| **0090** | **Investiment** | | | | | |
| 0091 | Imghax tal-Bank | 387.00 | 200.00 | 537.96 | 187.00 | (150.96 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | **387.00** | **200.00** | **537.96** | **187.00** | **(150.96** |
| **0100** | **Generali** | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 1,200.00 | | 1,430.00 | 1,200.00 | (230.0 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | | | | | |
| | | 1,200.00 | | 1,430.00 | 1200 | (230.0 |
| | **TOTAL** | 367,601.29 | **338,419.00** | 354,027.95 | **29,182.29** | **13,573.** |

### 3.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettall

| | | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2013 ATTWALI Euro | 2013 ESTMI Euro | 2012 ATTWALI Euro | VARJANZA ATTWALI/ ESTMI Euro | VARJANZA ATTWALI Euro |
| 1 | **L-Infiq** | | | | | |
| 1000 | **Is-Salarji** | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 6,672.53 | 6,704.00 | 6,251.36 | 31.47 | (421.17) |
| 1110 | Allowance tas-Sindku u Kunsilliera | 5,734.57 | 6,400.00 | 5,800.00 | | |
| 1200 | Pagi ta' l-impjegati | 60,867.65 | 69,913.00 | 50,122.91 | 9,045.35 | (10,744.74) |
| 1300 | Bonus | 6,242.34 | 4,400.00 | 5,741.20 | (1,842.34) | (501.14) |
| 1400 | Dhul Supplimentari | | | | | |
| 1500 | Kontribuzzjonijçt tas-Sigurtà Socjali | 5,920.27 | 4,700.00 | 5,059.60 | (1,220.27) | (860.67) |
| 1600 | Koncessjonijiet ('Allowances') | | | | | |
| 1700 | Sahra | 3,620.63 | 2,950.00 | 2,766.14 | (670.63) | (854.49) |
| | | **89,057.99** | **95,067.00** | **75,741.21** | **5,343.58** | **(13,382.21)** |
| 2000 | **Manutenzjoni u Xogholijiet ohra** | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bzonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 8,326.01 | 16,600.00 | 17,929.07 | 8,273.99 | 9,603.06 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 7,373.64 | 6,300.00 | 4,801.28 | (1,073.64) | (2,572.36) |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 18,406.92 | 76,680.00 | 27,564.56 | 58,273.08 | 9,157.64 |
| 2400 | Kera | 5,025.75 | 5,400.00 | 16,516.79 | 374.25 | 11,491.04 |
| 2500 | Shubija f'Ghaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 486.00 | | 4,464.00 | (486.00) | 3,978.00 |
| 2600 | Spejjez ta' l-Ufficcju | 6,963.80 | 3,750.00 | 5,673.15 | (3,213.80) | (1,290.65 |
| 2700 | Trasport | 4,563.31 | 350.00 | 2,543.51 | (4,213.31) | (2,019.80 |
| 2800 | Safar u vvjaggar | 22.00 | | | (22.00) | (22.00 |
| 2900 | Taghrif lill-Publiku | 5,592.06 | 5,800.00 | 7,009.45 | 207.94 | 1,417.39 |
| 3000 | Spejjez ta' Kuntratti | 137,710.61 | 149,553.00 | 150,992.46 | 11,842.39 | 13,281.85 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 11,276.24 | 6,450.00 | 11,189.53 | (4,826.24) | (86.71 |
| 3200 | Tahrig | 80.00 | | | (80.00) | (80.00 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 11,044.28 | 6,950.00 | 11,387.60 | (4,094.28) | 343.3 |
| 3600 | Spejjez ta' l-LES | | | 2,649.42 | | 2,649.4 |
| 3400 | Spejjez ohra li jinqalghu | | 250.00 | 558.59 | 250.00 | 558.5 |
| | | **216,870.62** | **278,083.00** | **263,279.41** | **61,212.38** | **46,408.7** |
| 7000 | **L-Infiq Kapitali** | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | | |
| 7100 | Bini | 66,893.56 | 63,000.00 | 24,751.81 | (3,893.56) | (42,141.75 |
| 7200 | Titjib | 2,962.00 | 1,250.00 | 1,790.00 | (1,712.00) | (1,172.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 4,889.45 | 1,000.00 | 1,391.19 | (3,889.45) | (3,498.20 |
| 7500 | Progetti Specjali | 35816.50 | | | (35,816.50) | (35,816.50 |
| | | **110,561.51** | **65,250.00** | **27,933.00** | **(45,311.51)** | **(82,628.5** |
| | **TOTAL** | **416,490.12** | **438,400.00** | **366,953.62** | **21,244.45** | **(49,601.9** |

## *4.0 Il-Ħidma tal-Kunsill Lokali*

Bħas-snin ta' qabilha l-2013 kienet sena mpenjattiva ħafna għall-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk, sena li matulha minbarra li sar ħafna xogħol fil-lokalita' sar ippjanar ta' inizjativi u proġetti għal xogħol matul l-2014. L-2013 kienet ukoll sena illi matulha sehhet bidla fl-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali bl-inkluzjoni ta' skrivana gdida

Matul l-2013 minkejja d-diffikultajiet li ltaqa' magħhom, il-Kunsill Lokali wettaq numru ta'inizjativi u proġetti kemm permezz ta' kuntratturi kif ukoll permezz tal-ħaddiema li l-Kunsill Lokali kellu ssekondati miegħu. Il-Kunsill Lokali kien ukoll strumentali sabiex jitwettaq xogħol ieħor illi għalkemm mhux minn fondi ta' l-istess Kunsill Lokali sar permezz ta' pressjoni li għamel il-Kunsill. Fl-2012, il-Kunsill Lokali ħadem u aġġudika diversi sejħiet għall-offerti u deċiżjonijiet oħra li permezz tagħhom ser ikun qiegħed jaħdem b'mod aktar effiċjenti.

Minkejja d-diffikultajiet li ltaqa' magħhom, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk jinsab fiduċjuż illi matul is-snin li ġejjin, il-lokalita' ser tkun qiegħda tgħaddi minn żviluppi kemm tanġibbli kif ukoll intanġibbli konsiderevoli, u fil-fatt qiegħed isir pjan sabiex jitwettqu ġewwa l-lokalita' numru ta' proġetti u inizjativi kemm mill-fondi tal-Kunsill Lokali kif ukoll minn fondi oħra.

**Infrastruttura**

*Resurfacing ta' toroq*
Matul l-2013, permezz ta' fondi tal-Kunsill Lokali sar xoghol ta' resurfacing f'parti sostanzjali minn Triq Xatt is-Sajjieda. Dan ix-xoghol sar b'kollaborazzjoni mal-Water Services Corporation li min naha taghha hadet hsieb illi jsiru s-servizzi mill-gdid sabiex ma jkunx hemm il-htiega illi fil-futur qarib isiru xogholijiet. Ghal dan il-progett, il-Kunsill Lokali dahal ghal spiza kapitali ta' madwar €40000.
Wara insistenza min-naha tal-Kunsill Lokali, matul l-2013 inghata bidu u tlesta xoghol fuq il-kostruzzjoni ta' Triq Lepanto min-naha tal-Gvern Centrali. Minbarra t-triq innifisha, sar ukoll cint matul it-triq kollha sabiex iservi ta' lqugh ghall-hamrija u gie rrangat sit illi fih tpoggew bring-in-sites b'mod li ma jkunux ta' ostaklu. Wara diversi diskussjonijiet mal-Gvern Centrali, matul l-2013 inghata wkoll bidu ghal xoghol ta' resurfacing ta' Triq Melqart. Ix-xoghol mistenni li jkun lest sa tmiem l-ewwel kwart tal-2014.

*Bankini*
Matul l-2013, b'konnessjoni ma' xogholijiet li kienu ghaddejja fi Triq Xatt is-Sajjieda, saret mill-gdid bankina fl-istess triq. B'nefqa kapitali ta' madwar 20 000, il-Kunsill Lokali deherlu illi l-bankina in-kwistjoni kellha ssir b'sistema maghrufa bhala stencil concrete illi tat dehra isbah lix-xoghol li sar. Fuq insistenza tal-Kunsill Lokali, il-Gvern Centrali ha hsieb illi jaghmel bankini godda fi Triq Melqart. Barra minn dan sar xoghol ta' manutenzjoni estensiv fuq bakina fi Triq it-Torri Vendome u partijiet mill-bankina fi Triq l-Arznell.

*Patching*
Konxju mill-fatt illi xi toroq fil-lokalita' ma humiex fi stat idejali, matul l-2013, il-Kunsill Lokali daħal fi spiża ta' eluf ta' ewro sabiex jara illi jsir patching fejn kien hemm bżonn. Naturalment, il-Kunsill Lokali huwa ta' l-opinjoni illi ċerti toroq jinħtieġ isirilhom wiċċ ġdid, pero' minħabba limitazzjonijiet finanzjarji dan ma kienx possibbli. Għaldaqstant permezz ta' din il-miżura, il-Kunsill Lokali ħaseb illi jista' jtejjeb xi ftit il-livell ta' kwalita' tat-toroq ġewwa l-lokalita'

*Tabelli u Sinjali tat-toroq*
Il-Kunsill kompla l-ħidma tiegħu sabiex jara illi t-tabelli tat-traffiku u s-sinjali tat-toroq ikunu kemm jista' jkun ta' gwida għar-residenti u dawk li jżuru l-lokalita'. Għal dan il-għan, matul l-2013, il-Kunsill Lokali daħal għal spiża konsiderevoli sabiex itejjeb is-sitwazzjoni f'dan il-qasam. Minbarra li sar xogħol fejn kien meħtieġ, matul l-2013 il-Kunsill Lokali ħa ħsieb sabiex żoni pjuttost sensittivi jiġu rranġati għas-sigurta' tal-pedonali u tas-sewwieqa.

*Iż-żona tal-Magħluq*
Bħalma sar fil-passat, matul l-2013, il-Kunsill Lokali ħa ħsieb illi jsir tindif regolari taż-żona tal-magħluq. Minbarra dan il-Kunsill Lokali ħejja l-pjanijiet u ta' bidu ghal xogholijiet fuq playing field gdida fiz-zona. Ghal din il-playing field li x-xogholijiet fuqha mistennija jkunu lesti sa tmiem l-ewwel kwart tal-2014, il-Kunsill Lokali ser ikun qieghed jikseb fondi permezz tal-iskema Urban Improvement Fund. Dan Minbarra illi matul l-2013, giet irriservata s-somma ta' €40 000 minn fondi tal-Kunsill lokali sabiex tkompli tizdied mal-ammont imsemmi b'risq xogholijiet fuq l-istess playing field.

*Gnien Guze' Cassar*
Matul l-2013, il-Kunsill Lokali ha hsieb illi ssir manutenzjoni estensiva fi Gnien Guze Cassar. Fil-fatt, minbarra xogholijiet fuq l-infrastruttura tal-post innifsu, il-Kunsill Lokali ha hsieb illi jitwahhlu bandli godda minflok dawk li kien hemm li sfortunatament kienu sfaw vittma ta' atti vandali. B'hekk, Gnien Guze' Cassar lahaq il-livelli ta' sigurta' stabbilita mill-awtoritajiet rigward *playing fields.*

*Gnien il-Familja*
Matul l-2013 saret manutenzjoni estensiva fi Gnien il-Familja. Minbarra li saret manutenzjoni fuq l-istrutturi li jintuzaw mit-tfal, sar xoghol ta' manutenzjoni fuq funtana li hemm fl-istess gnien inkluz ankra li giet irrestawrata.

*Xogħol infrastrutturali ieħor*
Permezz ta' ħaddiema li kellu ssekondati miegħu, il-Kunsill Lokali ħa ħsieb jsiru diversi xogholijiet illi minkejja ma jidhrux irrizultaw utli ghall-komunita'. Fost ix-xogholijiet li saru permezz tal-haddiema assenjati ta' min wiehed isemmi modifiki f'diversi bankini sabiex dawn ikunu accessibbli ghall-persuni li juzaw is-siggu tar-roti, manutenzjoni fuq diversi cnut madwar il-lokalita', kif ukoll tindif f'diversi zoni ta' Marsaxlokk u Delimara.

**Soċjali/Attivitajiet/Oħrajn**

*Ħruġ*
Matul l-2013, il-Kunsill Lokal kien ukoll attiv fil-qasam soċjali, b'numru ta' ħarġiet li ġew organizzati matul is-sena għal individwi ta' kull eta' u li għalihom kien hemm parteċipazzjoni tajba ħafna mir-residenti

*Fiera tal-Hut*
B'kollaborazzjoni mal-Ministeru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-tibdil fil-klima il-Kunsill Lokali ha sehem attiv sabiex tittella' fiera tal-hut f'Xatt is-Sajjieda. Għal din l-attivita', il-Kunsill Lokali u l-MSDEC irnexxielhom jattiraw lejn Marsaxlokk numru ġmielu ta' individwi.

*Malta International Fireworks Festival 2013*

Ghall-ewwel darba u b'kollaborazzjoni mal-Aworita' Maltija ghat-Turizmu matul l-2013, ittellghet serata mill-*Malta International Fireworks Festival* gewwa Marsaxlokk. L-attivita' li ghaliha kien hemm influss qawwi hafna ta' individwi minn barra l-lokal marret tajjeb hafna tant illi lejn tmiem l-2013 gie kkonfermat illi Marsaxlokk kien ser jigi inkluz fil-*Malta International Fireworks Festival* li kien ser jittella' matul 2014.

*Attivita' Milied 2013*

Għal żmien il-Milied minbarra li daħal għal spiża konsiderevoli sabiex Xatt is-Sajjieda u Pjazza Madonna ta' Pompei ikunu mżejna bid-dwal, il-Kunsill Lokali permezz tas-Sotto-Kumitat Żgħażagħ u Kultura organizza ghat-tieni sena konsekutiva suq tal-Milied ġewwa Marsaxlokk. Din l-attivita' li għaliha nkisbu fondi minn skema varata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kienet suċċess u minbarra d-diversi residenti u individwi li żaruha sarrfet ta' ġid għall-NGOs tal-lokal għaliex dawn ingħataw l-opportunita' li jbiegħu prodotti artiġjanali waqt l-istess attivita'

*Karnival 2013*

Fi Frar, il-Kunsill Lokali ħa ħsieb illi tittella attivita' relatata ma' żmien il-karnival. L-attivita' li giet imtella f'Xatt is-Sajjieda u Pjazza Madonna ta' Pompei kellha parteċipazzjoni tajba kemm minn residenti kif ukoll minn individwi min barra l-lokalita'

*Prize day tal-iskola primarja*

Konxju mill-importanza tal-edukazzjoni tal-generazzjonijiet futuri, il-Kunsill Lokali kien strumentali fl-organizzar tal-prize-day annwali tal-iskola primarja ghall-2013,b'donazzjoni finanzjarja li ghamlet tajjeb ghax-xiri tal-kotba kollha li gew pprezentati lill-istudenti li gew moghtija xi premju.

*Rikonoxximent/Jum Marsaxlokk*

Matul l-2013, il-Kunsill Lokali zamm l-appuntament annwali ta' Jum Marsaxlokk u rikonoxximenti li jinghataw lill-individwi li jkunu ghamlu unur lilhom infushom u lill-lokalita'. Ghall-2013, waqt l-attivita' inghata fost l-ohrajn rikonoxximent ta' Gieh Marsaxlokk lis-Sur Brian Bugeja.

*Web-Site / Facebook page*

Sabiex ikun aktar qrib ir-residenti matul l-2013, il-Kunsill kompla jinforma lir-residenti dwar hidmet il-Kunsill permezz tal-pagna ta' Facebook. Minbarra dan, matul l-2013 giet implimentata decizjoni li kienet ittiehdet matul is-sena 2012 u l-Kunsill Lokali niehda l-web-page tieghu, li kienet tinkludi sezzjonijiet li minnhom ir-residenti u individwi ohra setghu jaghmlu kuntatt mal-istess Kunsill Lokali.

*Live- Streaming*

Matul l-2013, il-Kunsill Lokali hareg sejha ghall-kwotazzjonijiet sabiex jinxtara apparat halli s-seduti tal-Kunsill Lokali jkunu jistghu jigu *streamed online*. F'Dan ir-rigward inghazel il-kuntrattur li ser ikun qieghed jaghmel ix-xogholijiet u jonqos biss li d-dipartiment ghall-Gvern Lokali ( li ser ikun qieghed jiffinanzja parti mill-progett) japprova x-xiri tal-apparat.

*Servizzi*

Minbarra l-faċilita' ta' ħlasijiet ġewwa l-Kunsill Lokali, matul l-2013, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk kien attiv sabiex joffri numru ta' servizzi oħra lir-residenti. Ewlenin fost dawn kien hemm it-tilqim taċ-ċittadini eligibbli għall-influwenza mingħajr ħlas u tqassim ta' boroz ta' riċiklaġġ mingħajr ħlas.

*Sessjonijiet ta' informazzjoni*

Matul l-2013, inzammu numru ta' sessjonijet ta' informazzjoni ghall-pubbliku mtella' mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni ta' diversi ghaqdiet jew individwi. Fost is-sessjonijiet kien hemm dik li ttellghet bejn il-Kunsill Lokali u l-konsorzju EPSILON ADI rigward is-sit tan-Natura 2000 maghruf bhala l-Ballut u sessjoni ohra mtella' b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u rapprezentanti tal-progett Marenostrum li kienet tittratta rotot storici ezistenti f'Marsaxlokk u l-madwar.

*Il-kabinett f'Marsaxlokk*

Matul l-2013, ghall-ewwel darba il-kabinett tal-Ministri u Membri Parlamentari hareg mill-bini tal-parlament u gie deciz illi ghandha ssir laqgha tal-kabinett gewwa Marsaxlokk. Ghal laqgha kienu prezenti, flimkien mal-membri tal-kabinett Sindki mir-regjun Xlokk.

*Librerija Pubblika*

Matul l-2013, il-Kunsill Lokali kompla jinvesti fil-librerija tal-lokalita'. Minbarra x-xiri ta' numru ta' kotba sostanzjali, matul l-2013, il-Kunsill Lokali ha hsieb jaghmel il-preparamenti necessarji sabiex matul l-2014 isir xkaffar gdid fil-librerija pubblika. Din il-mizura qieghed jigi ppjanat li tkun implimentata sa tmiem l-ewwel nofs tal-2014

*Latrini Pubblici*

Matul l-2013, il-Kunsill Lokali hadem sfiq sabiex fis-snin segwenti is-sitwazzjoni tal-latrini pubblici titjieb sensibilment. Minbarra li ntlehaq ftehim mal-Cleasing Services Departiment ghall-manutenzjoni u attendenza fl-istess latrini pubblici, matul l-2013, il-Kunsill Lokali ha d-decizjoni illi l-istess latrini pubblici jigu devoluti lill-privat ghal numru ta' snin. B'din il-mizura minbarra li ser joghla l-livell infrastrutturali tal-latrini pubblici ser joghla s-servizz li jircievu l-individwi li jaghmlu uzu mil-latrini pubblici.

*Bye-Laws*

Matul l-2013, il-Kunsill Lokali haseb sabiex jigu implimentati numru ta' bye-laws applikabbli ghal Marsaxlokk. Filwaqt li matul l-2013, gew introdotti b'success bye-laws li jirregolaw barbecues, attivitajiet fil-berah u *remote controlled powerboats aeroplanes u helicopters*, thejjew il-bazijiet sabiex matul l-2014 tigi introdotta bye-law li tirregola karrijiet u oggetti ohra ta' ingombru.

*Devoluzzjoni ta' proprjeta'*

Matul l-2013, il-Kunsill Lokali ha d-decizjoni illi jitlob devoluzzjoni ta' proprjeta lill-Gvern Centrali. Il-proprjeta' in-kwistjoni li tinstab fi Triq l-Arznell ghandha potenzjal tajjeb li tigi trasformata f'*Tourist Information Hub* u l-Kunsill Lokali haseb illi jahtaf l-opportunita' sabiex kemm il-darba ikun possibbli jinkiseb finanzjament minn terzi ghal dan il-progett. Naturalment minhabba ragunijiet logistici l-proceduri dwar din l-inizjativa ma setghux jigu implimentati matul l-2013. Biss il-Kunsill Lokali ghandu l-hsieb illi kemm il-darba tirnexxi, matul l-2014 ikun sar zvilupp sostanzjali fir-rigward.

*Street Lighting*

Matul l-2013, il-Kunsill Lokali nefaq aktar minn €8 000 ewrofi street lighting. Ix-xoghol relatat ma' dan il-qasam kien jinkludi installazzjoni ta' numru ta' bozoz godda minbarra tiswijiet ta' dawk ezistenti. Matul l-2013, il-Kunsill Lokali niehda process li permezz tieghu bdew jigu regolarizzati numru ta' bozoz li dwarhom kien hemm problemi mal-awtoritajiet kkoncernati.

*Tindif*
Minbarra spiza kapitali ta' madwar €100 000 f'kuntratti ta' tindif u knis tat-toroq, matul l-2013, il-Kunsill Lokali kien strumentali sabiex tnaddfu diversi zoni li sfortunatament sfaw vittma ta' akkumular ta' skart illegali. Minbarra t-tindif li sar permezz tal-haddiema li l-Kunsill Lokali ghandu assenjati mieghu, il-Kunsill Lokal ikkordina ma' diversi entitajiet fi clean up campaigns li ttellghu matul l-2013. Fost dawn saru diversi clean up campaigns fiz-zona ta' Delimara b'kollaborazzjoni ma ghaqdiet/kumpaniji bhalma huma Nature Trust u HSBC Malta.
Ghall-ewwel darba, matul l-2013, il-Kunsill Lokali haseb illi jkun xieraq illi fil-lokalita' ikun hemm il-facilita' ta' *dog-bins* ghall-uzu tal-pubbliku. Fil-fatt, gew imwahhla zewg *litter bins* fi Triq il-Wilga u Triq il-Kavallerizza u hemm il-hsieb illi kemm il-darba l-Kunsill Lokali jara illi l-imsemmija *litter bins* ikunu success jigu inwahhla ohrajn f'zoni differenti ta' Marsaxlokk.

*Tabelli u Sinjali tat-toroq*
Matul l-2013, il-Kunsill Lokali dahal ghal spejjez konsiderevoli sabiex jara illi s-sitwazzjoni tat-tabelli u sinjali tat-toroq titjiet. Bi spiza ta' aktar minn €7 500 , sar xoghol f'diversi toroq madwar Marsaxlokk li kompla zied is-sigurta' ghall-pedonali u s-sewwieqa.

*Power Station ta' Delimara*
Matul l-2013, il-Kunsill Lokali segwa mill-qrib kull zvilupp li kien ghaddej b'konnessjoni mal-PowerStations ta' Delimara. Minbarra dan inzammu numru ta' laqghat rapprezentattivi mal-Korporazzjoni Enemalta rigward impjanti godda li hemm il-pjan illi jigu insallati biswit dawk ezistetni u l-Kunsill Lokali inghata l-opportunita' illi jressaq il-kunsiderazzjonijiet tieghu f'dan ir-rigward.

*Ambaxxatur –VOT 16*
Bhalma sehh f'diversi lokalitajiet u b'kollaborazzjoni mal-Gvern Centrali matul l-2013, il-Kunsill Lokali hatar ambaxxatur ghal Marsaxlokk ghall-inizjativa VOT16. Is-Sur Marlon Grech, li gie mahtur ambaxxatur, ser ikun qieghed jirraprezenta lill-lokalita' f'attivitajiet relatati mal-imsemmija inizjativa.

*Amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali*
Minbarra titjib sostanzjali fl-apparat tal-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill Lokali, bi spiza kapitali konsiderevoli, matul l-2013, il-Kunsill Lokali ha d-decizjoni illi jzid impjegata klerikali mal-amministrazzjoni ezistenti sabiex tkun tista' tizied l-efficjenza tal-Kunsill Lokali. B'rabta mad-decizjoni imsemmija, f'Awissu 2013, is-Sinjura Joan Mifsud giet ingaggjata fil-grad ta' skrivana mal-Kunsill Lokali.

## 5.0 *L-iskeda ta' varjazzjonijiet fid-dħul u infiq*

Din is-sezzjoni tigi maghduda mar-rapport hekk kif ikun komplut l-ezercizzju tal-Annual Audit u jinhareg ir-rapport relatttiv